MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2006

Avviz Numru. 412/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Alexia Aquilina ID 430078M**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elf, sitt mija tmienja u tmenin liri maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm1688.77) rapprezentanti ammont ta’ numru telefoniku 21389019 (skond kif jirrizulta mill-anness ‘statement’ Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 13, ‘Olympic Flats’, Triq l-Adrijatiku, The Village, St. Julians (CN1058202 a/c 10131342) u dana kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok A u Dok B a fol 2 u fol 3 tal-atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 17 ibid).

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-18 ta' Settembru 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm1688.77,0 bl-imghax legali mit-13 ta’ Lulju 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali, minghajr data tal-presentata specifikata u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------